**Assenjazzjoni tal-Viċi President għal Awli b'ħames Imħallfin**

(2019/C 103/03)

Waqt il-laqgħa ġenerali tagħha tal-10 ta' Ottubru 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tassenja lill-Viċi President lil Awla b'ħames Imħallfin għall-kawżi kollha li fihom hija teżerċita l-funzjonijiet ta' Mħallef Relatur u li huma assenjati mill-Qorti tal-Ġustizzja lil tali Kulleġġ ġudikanti.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 11(1) tar-Regoli tal-Proċedura, għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tassenja lil R. Silva de Lapuerta lill-Ewwel Awla, għall-perijodu mill-10 ta' Ottubru 2018 sas-6 ta' Ottubru 2021.

---

**Assenjazzjoni tal-Viċi President u tal-Presidenti tal-Awli b'ħames Imħallfin lill-Awli bi tliet Imħallfin**

(2019/C 103/04)

Waqt il-laqgħa ġenerali tagħha tas-26 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, barra minn hekk, li tassenja lill-Viċi President u lill-Presidenti tal-Awli b'ħames Imħallfin lill-Awli bi tliet Imħallfin għall-kawżi kollha li fihom huma jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' Mħallef Relatur u li huma assenjati mill-Qorti tal-Ġustizzja lil tali Kulleġġ ġudikanti.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 11(1) tar-Regoli tal-Proċedura, għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tassenja lil R. Silva de Lapuerta u lil J. C. Bonichot lis-Sitt Awla, lil A. Arabadjiev lis-Seba' Awla, lil A. Prechal lit-Tmien Awla, lil M. Vilaras lid-Disa' Awla u lil E. Regan lill-Għaxar Awla, għall-perijodu mis-26 ta' Frar 2019 sas-6 ta' Ottubru 2021.

---